Meta Fra Mudest kien għadu jgħix fil-kunvent, id-drawwiet fir-raħal kienu wisq għal qalb in-nies. Fost id-drawwiet li n-nies kienu jħobbu, ta' min isemmi l-għoti tal-figolli nhar Ħadd il-Għid.

Kulħadd kien jieħu pjaċir b'xi figolla, kemm it-tfal

u kemm il-kbar. Għalhekk lejlet l-Għid ħafna nies kienu jmorru fil-ħanut tas-Sur Ġiġinu biex jixtru l-figolli. Il-figolli tas-Sur Ġiġinu kienu tajbin ħafna, imma mhux hu biss kien jaf jagħmel figolli sbieħ u tajbin! Fir-raħal kien hemm ukoll Mariroż. Din kienet tibda tagħmel il-figolli minn jiem qabel l-Għid. Imbagħad fl-Għid kienet

